



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2016/2058(INI)**

22.6.2016

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar strateġija tal-UE dwar it-tisħin u t-tkessiħ  
(2016/2058(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Christofer Fjellner

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija tal-UE dwar it-tisħin u t-tkessiħ (COM(2016)0051) bħala parti integrali mill-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija; jinnota l-importanza kbira tas-settur tat-tisħin u t-tkessiħ biex sal-2020, l-2030 u l-2050 jintlaħqu l-oġettivi tal-UE rigward l-enerġija u l-klima u biex jintlaħqu l-oġettivi tat-titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;
2. Jenfasizza l-fatt li l-għodod u l-kapaċitajiet politiċi tal-UE għadhom mhumiex żviluppatti biżżejjed biex jixprunaw it-trasformazzjoni tas-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, biex jimmassimizzaw l-użu tal-potenzjali u biex jimplimentaw soluzzjonijiet għat-tnaqqis tad-domanda u għad-dekarbonizzazzjoni fid-daqs u bil-pass meħtieġa;
3. Jinnota li huwa stmat li l-ammont ta' sħana prodotta mill-proċessi industrijali u li qed tispiċċa fl-atmosfera jew fl-ilma, minflok ma tintuża b'xi mod produttiv, huwa biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet kollha ta' tisħin fl-Unjoni f'bini residenzjali u terzjarju;
4. Jinnota li l-miżuri għall-iżvilupp ta' strateġija komprensiva u integrata għat-tisħin u t-tkessiħ fl-Unjoni tal-Enerġija joffru opportunitajiet sinifikanti kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi tal-UE jekk dawn jiġu implimentati korrettament, f'termini ta' tnaqqis fil-kostijiet globali tal-enerġija għall-industrija, ta' tisħin tal-kompetittività u ta' ffrankar għall-konsumaturi;
5. Ifakkar li t-tisħin u t-tkessiħ jikkostitwixxu l-akbar sehem tad-domanda għall-enerġija tal-UE; jenfasizza l-importanza tar-rispett tal-prinċipju ta' newtralità teknoloġika bejn is-sorsi rinnovabbli attwalment disponibbli u l-inċentivi bbażati fuq is-suq u fuq l-istat fit-tranżizzjoni lejn provvista tal-enerġija sikura u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għas-settur tat-tisħin u t-tkessiħ;
6. Jenfasizza li l-bini u l-grids intelliġenti u effiċjenza enerġetika akbar fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ se jkun importanti sabiex jinkiseb iffrankar ta' enerġija, u jissottolinja l-ħtieġa tal-promozzjoni tal-mobilizzazzjoni ta' fondi privati u pubbliċi fis-suq tal-effiċjenza enerġetika u jilqa' r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija;
7. Ifakkar li żewġ terzi tal-bini tal-UE nbnew meta r-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika kienu limitati jew ineżistenti u li kważi nofs il-bini għandu bojlers individwali installati qabel l-1992; jinnota li bini privat u pubbliku jammonta għal 40 % tal-użu finali tal-enerġija u 36 % tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u li 85 % tal-konsum tal-enerġija tal-bini jintuża għat-tisħin tal-ispazju u tal-ilma; jenfasizza l-ħtieġa li l-effiċjenza enerġetika tiżdied permezz tar-rinnovament u r-restawr ta' bini u installazzjonijiet tat-tisħin u t-tkessiħ sabiex jinkiseb iffrankar tal-enerġija ta' mill-inqas 20 % sal-2020, filwaqt li jirrikonoxxi li l-effiċjenza enerġetika tal-istokkijiet tal-bini tal-Istati Membri tvarja ħafna;
8. Jikkunsidra li hemm potenzjal kbir mhux sfruttat biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fis-

settur tat-tisħin residenzjali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri li jżidu l-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-tisħin, peress li dan huwa mod kosteffikaċi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> f'bini residenzjali;

9. Ifakkar li, minkejja li sar xi progress fis-settur tat-tisħin u t-tkessiġ fil-bidla għall-enerġija rinnovabbli, 75 % tal-provvista tal-enerġija primarja għadha tiġi mill-fjuwils fossili; jinnota li l-bini – u n-nies li jgħixu fih – huma l-ewwel konsumaturi tat-tisħin u t-tkessiġ; jenfasizza li l-ewwel prijorità hija li jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija permezz tar-rinnovament; jinsisti li l-ħtieġa li jkun fadal għat-tisħin u t-tkessiġ għandha tiġi direttament jew indirettament minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
10. Jissottolinja r-rwol fundamentali ta' pjan ta' ristrutturar għas-setturi tal-bini sabiex jissaħħu l-ekonomija ekoloġika u l-potenzjal tal-impjiegi lokali ekoloġiċi fil-qasam tal-iffrankar tal-enerġija, tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-bini privat u pubbliku;
11. Jenfasizza li r-riċerka u l-innovazzjoni teknoloġiċi fis-settur tat-tisħin u t-tkessiġ isaħħu l-vantaġġ kompetittiv u l-vijabbiltà kummerċjali tan-negozji Ewropew, u jikkontribwixxu għall-għanijiet ewlenin tal-politika tal-enerġija tal-UE, inklużi l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista u l-iżvilupp sostenibbli tal-produzzjoni, it-trasport u l-konsum tal-enerġija;
12. Ifakkar li l-investment fl-iffrankar tal-enerġija u fl-effiċjenza enerġetika joffri l-ikbar redditu finanzjarju u l-aktar wieħed mgħaġġel fis-settur tal-enerġija;
13. Jitlob approċċ kosteffikaċi ffukat fuq il-kisba ta' ffrankar tal-enerġija fil-livell tas-sistema;
14. Jenfasizza r-rwol attiv li l-konsumaturi jista' jkollhom fit-triq lejn sistema Ewropea sostenibbli ta' tisħin u tkessiġ; jissottolinja l-fatt li eżitu effikaċi tar-regolament il-ġdid dwar it-tikkettar enerġetiku, fejn il-kategoriji fuq it-tikketti l-ġodda jkunlu lungimiranti u jenfasizzaw id-differenzi f'termini ta' effiċjenza enerġetika bejn il-prodotti differenti, jista' jgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet aktar infurmati f'termini ta' ffrankar tal-enerġija u jnaqqsu l-kontijiet tagħhom; jenfasizza li strumenti speċifiċi – bħall-arloġġi intelliġenti u l-awtomazzjoni domestika – jistgħu jtejbu l-imġiba tal-konsumaturi fir-rigward tal-konsum;
15. Jinnota li l-oqfsa regolatorji tal-UE jservu biex jissottolinjaw objettivi wesgħin, iżda huwa essenzjali progress reali fir-rivoluzzjonar tat-tisħin u t-tkessiġ bħala parti minn riforma usa' tas-sistema tal-enerġija;
16. Jinnota li l-aktar mod effikaċi biex jintlaħqu l-objettivi konġunti huwa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw is-setgħa u jiġu appoġġjati, flimkien mal-partijiet ikkonċernati kollha, biex japplikaw approċċ sħiħ ibbażat fuq sistemi integrati għall-ippjanar urban, l-iżvilupp tal-infrastruttura, il-bini u r-rinnovament tal-istokk tad-djar u l-iżvilupp industrijali ġdid sabiex jiġu mmassimizzati l-"cross-overs", l-effiċjenzi u benefiċċji reċiproċi oħrajn potenzjali;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tutilizza bis-sħiħ is-settur tat-tisħin u t-tkessiġ biex tikseb gwadanji kosteffiċjenti fl-effiċjenza enerġetika fil-livell tas-sistema permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tal-konnessjoni tal-produzzjoni tas-sħana u l-enerġija, il-proċessi industrijali (bħall-irkupru ta' gassijiet residwi), il-ġestjoni

tal-iskart u l-ġestjoni tad-domanda, kif ukoll teżamina kif jistgħu jiġu inċentivati l-irkupru ta' sħana u kessa residwi industrijali u l-produzzjoni sostenibbli ta' bijogass; jissottolinja li l-koġenerazzjoni u t-triġenerazzjoni fis-setturi msemmija hawn fuq għandhom jiġu sfruttati aktar; jenfasizza li l-produzzjoni tas-sħana u tal-enerġija marbuta mal-ġestjoni tal-iskart għandha tkun konsistenti mal-ġerarkija tal-iskart kif definita fl-ekonomija ċirkolari, biex b'hekk jiġi evitat li l-inċinerazzjoni tar-riżorsi li jistgħu jiġu rriċiklati jew użati mill-ġdid ma ssirx in-norma;

18. Jenfasizza l-importanza ta' użu aktar mifruq, sinerġiku u integrat tal-fondi strutturali u reġjonali Ewropew disponibbli kollha u tal-FEIS, li għandhom ikunu aċċessibbli għall-atturi kollha, inklużi l-SMEs u l-mikrointrapriżi; jitlob lill-Istati Membri jżidu l-għarfien tal-utenti u tal-konsumaturi dwar soluzzjonijiet tekniċi ġodda biex jiffrankaw l-enerġija, u jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri;
19. Jissottolinja l-importanza li jiġi evitat li tibqa' tintuża infrastruttura ta' tisħin li tiswa ħafna flus marbuta ma' produzzjoni tal-enerġija li tuża sorsi b'livell għoli ta' emissjonijiet tal-karbonju; jenfasizza l-importanza li tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju pubbliku għall-infrastruttura tat-tisħin distrettwali fil-kuntest tal-oġettiv tal-UE biex, sal-2050, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu bi 80 % sa 95 % meta mqabbla mal-livelli tas-snin disgħin u ta' tranżizzjoni organizzata tal-ekonomija tal-enerġija;
20. Jemmen li l-konsumaturi jridu jkunu fil-qofol ta' din l-istrateġija, bl-użu ta' teknoloġiji moderni u soluzzjonijiet innovattivi biex issir tranżizzjoni lejn sistema tat-tisħin u t-tkessiħ intelliġenti, effiċjenti u sostenibbli li tista' twassal għal iffrankar baġitarju u tal-enerġija għall-kumpaniji u għaċ-ċittadini, ittejjeb il-kwalità tal-arja, iżżid il-benessri għall-individwi u ttiprovdi benefiċċji għan-negozji u s-soċjetà kollha kemm hi;
21. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm aktar investiment fir-riċerka u fl-iżvilupp sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi u teknoloġiċi; jenfasizza, fl-istess waqt, li permezz ta' użu usa' tat-teknoloġiji attwalment disponibbli jkun possibbli li l-effiċjenza tas-sistemi tat-tisħin u tkessiħ tiżdied b'20 %;
22. Jissottolinja li filwaqt li proporzjon kbir tal-bini Ewropew illum jaħli l-enerġija minħabba l-kwalità ħażina tal-iżolament tiegħu u s-sistemi ta' tisħin qodma u ineffiċjenti tiegħu, il-faqar enerġetiku jaffettwa kważi 11 % tal-popolazzjoni tal-UE;
23. Jinnota li żieda sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tkun għodda ewlenija biex jiġi ttrattat il-faqar enerġetiku;
24. Jinnota l-kundizzjonijiet differenti tal-Unjoni, jikkunsidra li aktar ma tkun qasira l-katina li permezz tagħha l-enerġija primarja tiġi konvertita f'forom oħra biex tiġi ġġenerata sħana li tista' tintuża, aktar tkun għolja l-effiċjenza enerġetika, u jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi strumenti teknoloġikament newtrali li jippermettu lil kull komunità tiżviluppa soluzzjonijiet kosteffiċjenti biex titnaqqas l-intensità ta' karbonju tas-settur tat-tisħin u t-tkessiħ;
25. Jitlob li jitfasslu pjanijiet bil-ħsieb li s-sussidji għall-fjuwils fossili jiġu eliminati gradwalment u li jiġu allokatu riżorsi finanzjarji għal proġetti dwar l-effiċjenza enerġetika li jservu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija sal-2050;

26. Ifakkar li wħud mill-industriji jew l-impjanti tal-enerġija jiġġeneraw sħana jew kesħa bħala prodott sekondarju li jista' jerġa' jintuża fl-impjanti jew jinbiegħ biex jissaħħan il-bini li jinsab fil-qrib; jinnota li l-integrazzjoni tal-produzzjoni, tal-konsum u tal-użu mill-ġdid ta' kesħa residwa toħloq benefiċċji ambjentali u ekonomiċi u tnaqqas id-domanda tal-enerġija primarja għat-tkessiħ; jenfasizza l-importanza tal-użu tas-sħana u l-kesħa residwi, u jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi dan l-użu;
27. Jinnota li 72 % tad-domanda għat-tiħin u t-tkessiħ ta' djar għal familja waħda huma kkonsmati f'żoni rurali u intermedji; jinnota li l-familji f'postijiet rurali, remoti u iżolati għalhekk jistgħu jeħtieġu attenzjoni partikolari u soluzzjonijiet imfassla apposta;
28. Jenfasizza li livell għoli ta' elettrifikazzjoni tas-settur tat-tiħin u t-tkessiħ jista' jkollu rwol ewlieni fid-dekarbonizzazzjoni, kemm f'termini ta' tnaqqis ta' gassijiet serra kif ukoll ta' titjib fil-kwalità tal-arja urbana;
29. Jissottolinja d-disponibbiltà mifruxa ta' bijomassa solida, bijogass u enerġija ġeotermali u l-potenzjal tat-tiħin distrettwali u tal-koġenerazzjoni tas-sħana u l-enerġija bħala mezz kosteffiċjenti biex is-settur tal-enerġija jiġi dekarbonizzat filwaqt li jingħata kontribut ukoll għall-oġettivi rigward is-sigurtà tal-provvista; jenfasizza li kriżi Ewropea fil-qasam tal-gass tikkostitwixxi kriżi fil-qasam tat-tiħin; jilqa' l-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa, li jridu jkunu bbilanċjati sew sabiex jippromovu l-użu ambjentalment sostenibbli u kompetittiv tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mingħajr dewmien politika ta' sostenibbiltà tal-bijomassa;
30. Jenfasizza li t-tiħin distrettwali bbażat fuq l-enerġija rinnovabbli jipprevjeni l-firxa ta' sistemi ta' tiħin individwali li jniġġsu aktar, li jżidu t-tniġġis tal-arja f'żoni residwi u li huma ferm aktar diffiċli li jiġu kkontrollati minn sistemi mifruxa ta' tiħin distrettwali; jenfasizza, madanakollu, li l-infrastruttura u l-kundizzjonijiet klimatiċi jvarjaw fl-Unjoni u li dawn is-sistemi spiss jeħtieġ li jiġu modernizzati sabiex tiżdied l-effiċjenza tagħhom; jitlob għalhekk li ssir analiżi tal-ħtieġa li tiġi appoġġjata infrastruttura ta' tiħin distrettwali u ta' Prattiki ta' tassazzjoni fir-rigward tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tat-tiħin distrettwali;
31. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata politika tal-enerġija speċifika għal dawk iż-żoni li mhumiex konnessi mal-grid tal-gass naturali;
32. Jissottolinja l-importanza li jiżdied l-użu tat-teknoloġiji ta' tiħin u tkessiħ b'enerġija rinnovabbli, flimkien ma' żieda qawwija fl-effiċjenza enerġetika;
33. Jissottolinja, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata n-newtralità tat-teknoloġija skont iċ-ċirkostanzi soċjoekonomiċi u ġeografiċi differenti fl-Istati Membri, il-potenzjal enormi ta' djar innovattivi li jkunu newtrali fir-rigward tal-enerġija bħala mezz kosteffiċjenti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-kostruzzjoni u tad-djar ordinarji;
34. Jenfasizza li l-"iskart għall-enerġija" se jibqa' jkollu rwol sinifikanti fit-tiħin peress li l-alternattiva spiss hija r-rimi f'miżbla u l-użu tal-fjuwils fossili, filwaqt li jfakkar li hemm ħtieġa għal iżjed riċiklaġġ;
35. Jitlob li jsir rieżami tal-leġiżlazzjoni eżistenti li jiffoka fuq is-salvagwardja tan-newtralità tat-teknoloġija u l-kosteffiċjenza sabiex jiġi żgurat li ma tippromwovix jew ma tiskreditax

teknoloġija askapitu ta' oħra – l-enerġija rinnovabbli prodotta fuq il-post, bħal permezz tal-pannelli solari residenzjali, jew qrib bini pereżempju, għandha titqies meta tiġi kkalkolata l-prestazzjoni enerġetika tal-bini, irrispettivament mis-sors;

36. Jilqa' l-istrateġija tal-UE dwar it-tiġin u t-tkessiġ, li tikkonkludi li "l-konsumaturi jridu jkunu ċentrali għal din l-istrateġija" u għandha l-intenzjoni li tippermettilhom jużaw varjetà ta' "teknoloġiji moderni u soluzzjonijiet innovattivi biex jimxu lejn sistema tat-tiġin u tat-tkessiġ intelliġenti, effiċjenti u sostenibbli li tista' tagħti lok għal iffrankar tal-enerġija u dak baġitarju għall-kumpaniji u għaċ-ċittadini";
37. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jindirizzaw il-problemi speċifiċi tal-bini rurali li ħafna drabi jkun eqdem, inqas effiċjenti fl-enerġija, inqas ta' benefiċċju għas-saħħa u jipprovdi kumdità termali aktar baxxa;
38. Ifakkar fil-kontribut tal-enerġija rinnovabbli għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Ewropa, u jissottolinja r-reattività għolja ta' produzzjoni idrawlika għad-domandi massimi u r-riskji ta' blackout;
39. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali, fid-dawl tal-possibbiltà ta' kriżijiet futuri fil-provvista tal-gass, biex jintegraw bis-siġħ il-produzzjoni tal-bijogass mill-ipproċessar tad-demel fl-implimentazzjoni tal-ekonomija ċirkolari.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.6.2016
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 45 -: 11 0: 10
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrete Auken, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Lynn Boylan, Cristian-Silviu Buşoi, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Mireille D'Ornano, Angélique Delahaye, Jørn Dohrmann, Ian Duncan, Eleonora Evi, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Jens Gieseke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, György Hölvényi, Anneli Jäätteenmäki, Benedek Jávor, Rikke Karlsson, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Valentinas Mazuronis, Susanne Melior, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, Frédérique Ries, Michèle Rivasi, Daciana Octavia Sârbu, Annie Schreijer-Pierik, Davor Škrlec, Renate Sommer, Dubravka Šuica, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Nils Torvalds, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Renata Briano, Nicola Caputo, Mark Demesmaeker, Herbert Dorfmann, Christofer Fjellner, Eleonora Forenza, Elena Gentile, Iris Hoffmann, Anne-Marie Mineur, Ulrike Müller, Marijana Petir, Gabriele Preuß, Jasenko Selimovic, Bart Staes
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rosa D'Amato, Edouard Ferrand